# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-31 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2021 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

31.01 **Talba**

31.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

31.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

31.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

31.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 30**

31.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 30 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

31.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.04.01 Is-Sindku nforma li l-laqgħa re kenniesa mad-*District Operations* kienet ser issir fil-ġranet li ġejjin.

31.04.02 Is-Sindku n forma li flimkien mas-S.E. huwa kellu laqgħa mas-Sur M Cohen minn TM rigward *Slow Streets* u kienet ser issir laqgħa oħra ta' kontinwazzjoni fil-31 ta' Awwissu fejn ħa ninsistu sabiex tinstab soluzzjoni għall-karozzi tal-linja.

31.04.03 Is-Sindku nforma li l-inawgurazzjoni tal-proġett *Green Infrastructure* kienet ser issir fit-2 ta' Settembru.

31.04.04 Is-Sindku nforma li jinsab infurmat li l-MTA kienet ser torganizza Festival tan-Nar ġewwa l-Imqabba fid-9 ta' Settembru filwaqt li r-Reġjun Nofsinhar kien ser jorganizza Festa Nar ġewwa r-raħal fit-18 u 19 ta' Settembru. Għal din l-attività, ser ikunu qed jintremaw siġġijiet li jitneħħew fl-aħħar ta' kull serata.

31.04.05 Is-Sindku irrimarka li rigward id-*Double Yellow Line*s fi Triq Mikelina Galea, l-Kunsill ma kienx involut fihom u lanqas kien jaf li tħassru. Huwa qal li bi qbil unanimu tal-membri, dawn il-linji reġgħu saru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Viċi-

Sindku irriaffermat li din id-deċiżjoni kienet ittieħdet fl-interess ta' min jagħmel użu mill-*garage* li hemm faċċata.

31.04.06 Is-Sindku nforma li wara l-waqfa minħabba s-*shutdown*, ix-xogħol fi Triq Valletta kien tkompla u miexi kif ippjanat.

31.04.07 Is-Sindku nforma li x-xogħlijiet fi Triq George Martin kienu tkomplew u IM kienet tat *ultimatum* sa nofs Settembru lill-kuntrattur sabiex ilesti x-xogħlijiet. Issemma li r-residenti kienu ilmentaw dwar dan id-dewmien kif ukoll dwar il-fatt li x-xogħol bil-makkinarju kien qed isir wara nofsinhar.

31.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

31.05.01 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li ż-żewġ tabelli tar-*Reserved* għal persuni b'diżabilità ħdejn l-iskola għandu jiżdied ilhom li vetturi oħra jistgħu jipparkjaw fil-btajjel pubbliċi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

31.05.02 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li fi Triq Santa Katerina quddiem l-ispiżerija għandu jkun hemm *Timed Parking* bejn it-0800 u s-1900 li huma l-ħinijiet tal-ftuħ tal-ispiżerija. Kien hemm qbil unanimu li għandna niksbu l-approvazzjoni ta' TM għal dan is-suġġeriment.

31.05.03 Il-Kunsillier Dingli semma li reġa' rċieva lment dwar tappiera li niżlet fi Triq Madonna tal-Ġilju. Is-S.E. informa li kien Intbagħat *reminder* dal-għodu stess lill-WSC u ġie issuġġeriet li nitolbu lil-IM sabiex jibnu t-triq.

31.05.04 Il-Kunsillier Dingli semma x-xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill fi Ġnien Mikelanġ Sapiano. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Dingli għall-kordinazzjoni tiegħu u semma li wieħed mill-ħaddiema kien ser ikompli il-*fence* li jdawwar dan il-ġnien u malli dan jitlesta, jinqala l-*hedge* peress li ma għadux fi stat tajjeb.

31.05.05 Il-Kunsillier Dingli ssuggerixxa li l-Kunsill jinvesti f'vettura sabiex tkun tista' tintuża mill-ħaddiema waqt ix-xogħlijiet tagħhom madwar ir-raħal. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jsiru l-*costings* li jinkludu anke l-kiri ta' tali vettura.

31.05.06 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsir tindif tal-kmamar li jintużaw mill-ħaddiema sabiex iżommu l-għodda u materjal ieħor. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

31.05.07 Il-Kunsillier Dingli qal li kien ġie nfurmat li 3 mill-4 bibien tal-latrina pubblika kienu mingħajr pum. Is-S.E. informa li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu nfurmawh li mhux possibbli li jeħlu l-pumi peress li l-materjal tal-bibien ma tantx huwa tajjeb. Ġie deċiż li jinġiebu *quotations* sabiex il-bibien isiru ġodda.

31.05.08 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar problema ta' *parking* fi Triq il-Parroċċa. Ġie deċiż li l-Kunsillier Sciberras u s-S.E. imorru fuq il-post sabiex jaraw x'hemm

bżonn li jsir filwaqt li jsir *refresh* tad-*Double Yellow Lines* li hemm ma' *garage* partikolari.

31.05.09 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar "muntanja" ta' ġebel fi Triq tar-Robba. Is-Sindku nforma li l-ERA kienet qed issegwi mill-qrib dan l-iżvilupp.

31.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa fiex konna wasalna dwar l-*ash-trays* viċin il-ħwienet/każini fil-Pjazza u s-Sindku nforma li dawn kienu ser jeħlu fil-ġranet li ġejjin. Ġie deċiż ukoll li jinġiebu *quotations* sabiex isiru *Bike Stands* fil-Pjazza.

31.05.11 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li d-dawl tal-fanali li hemm imwaħħla mal-ħajt tad-dar tal-Kappillan kienu waħda safra u waħda bajda. Kien hemm qbil li d-dawl kollu għandu jkun l-istess kulur.

31.05.12 Il-Kunsillier Sciberras irrefera lment li kien irċieva sabiex parti minn Ġnien Mikelanġ Sapiano titkisser sabiex jiżdied l-aċċess. Il-Kunsill innota li din it-talba ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu.

31.05.13 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jesplora l-possibilità li jibda jsir *trapping* tal-ħamiem selvaġġ. Is-Sindku nforma li kien ser jiċċekkja jekk skont il-liġi dan jistax isir.

31.05.14 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li għandhom jitwaħħlu tabelli li jindikaw li fl-akkwati hemm kolonji ta' qtates kif ukoll li nġibu *quotations* sabiex il-Kunsill jixtri *Recovery cage* u *Trap* għall-qtates. Dwar dan kollu kien hemm qbil.

31.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

31.06.01 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar Sottomissjoni tal-*Claims* - SPI 10/2019 - Skema Finanzjarja - Żvilupp ta' Libreriji Lokali / Reġjonali f'Ċentri tal-Komunità. Is-S.E. informa li l-Kunsill kien irċieva l-ammont ta' € 2,550 lura fl-2019 iżda l-proġett qatt ma sar. Huwa qal li kien ipprova jara huwiex possibbli li l-proġett isir issa però irriżulta li l-ispejjeż żdiedu sew u għalhekk m'għadux vijabbli. Kien hemm qbil li meta ssir it-talba mid-DLG, il-Kunsill jirrifondi l-ammont li kien irċieva.

31.06.02 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar *7th International Conference: "Security, Democracy & Cities" in Nice, France - 20th - 22nd October 2021*. Is-S.E. ntalab sabiex iġib iktar dettalji dwar din il-konferenza.

31.06.03 Ċirkolari AKL 2021/076 Illum ma Steph 2021 to 2022. Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax f'din l-inizjattiva.

31.06.04 Ċirkolari AKL 2021/078 dwar *Malta Sustainable Development Action Days*: *Be Part of the Change*. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

31.06.05 Korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar dwar il-Kampanja *Pink October* 2021. Ġie unanimament deċiż li bħal snin oħra l-Kunsill jipparteċipa u li għandu jkollu l-apparat tad-dawl tiegħu flok jinkera.

31.06.06 Korrispondenza mingħand TM dwar Awtorizzazzjoni għal implimentazzjoni ta' sinjali ta' parkeġġi. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon il-kontenut ta' din il-korrispondenza.

31.06.07 Korrispondenza mingħand is-Sindku tal-Qrendi dwar ħajt fi Triq il-Qrendi li ġġarraf wara li karozza baqgħet dieħla fih. Is-S.E. informa li l-Pulizija mill-Għassa taż-Żurrieq talbuh sabiex jipprovdi stima (nkluż il-VAT) sabiex ikunu jistgħu imexxu min naħa tagħhom.

31.06.08 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur li ntgħażel mid-DLG sabiex jimplimenta l-WIFI4EU ġewwa r-raħal. Is-S.E. informa li huwa kien dar il-postijiet magħżula mill-Kunsill mal-kuntrattur u jidher li filwaqt li fil-maġġur parti tagħhom ma hemmx problemi, hemm oħrajn li jrid jiddaħħal id-dawl qabel ma jkun jista' jiġi nstallat l-apparat tal-Wi-Fi. Huwa qal ukoll li jista' jkun li l-ispejjeż ta' kull xahar tal-Wi-Fi ikunu jridu jitħallsu mill-Kunsill.

Bi qbil bejn il-membri preżenti, *Item* 8 fuq l-Aġenda ġie diskuss qabel *Item* 7.

31.06.10

31.08 **Sotto-Kumitat Tiżjin**

31.08.01 Is-S.E. informa li konna rċivejna l-aħħar żewġ nomini ta' membri fuq dan is-Sotto Kumitat li ġew approvati unanimament. Dawn huma

Luke Daniel Vella f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Aiden Cilia f'isem l-Mqabba FC

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa fis-6.30 pm minħabba mpenji personali.***

31.07 **Jum l-Imqabba 2021**

31.07.01 Is-Sindku spjega li peress li l-Kappillan infurmana li l-Griżma ser issir fl-24 ta' Ottubru, Jum l-Imqabba għandu jiġi ċċelebrat fis-17 ta' Ottubru. Ġie deċiż li dakinhar għandha ssir Quddiesa fl-1000 u wara jsir it-tqegħid tal-kuruna taħt il-lapida li hemm mal-ġenb tal-Knisja. Ġie deċiż ukoll li għandna navviċinaw lis-Soċjetà Madonna tal-Ġilju dwar il-kunċert mużikali s-Sibt fil-għaxija u li dan isir taħt tinda fil-Pjazza. Ġie deċiż ukoll illi nippruvaw li s-Sibt għandha tinżamm *Sports Day* filwaqt li jekk ikun possibbli l-Ħadd jinġieb il-*Mobile Unit* tad-Demm. Ġie approvat ukoll li fil-ġranet li ġejjin jitqassmu f'kull residenza l-kundizzjonijiet u l-applikazzjoni għal Ġieħ l-Imqabba 2021.

31.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2020**

31.09.01 Peress li kopja ta' dan ir-Rapport kienet tqassmet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa, dan ġie meqjus bħala moqri u ġie approvat unanimament.

31.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/31**

31.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/31 ġiet approvata unanimament.

31.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Lulju 2021 ġiet approvata unanimament.

31.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

30.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:55 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 16 ta' Settembru fil-5:00 pm

Konfermati illum il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Fabian Mizzi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |